MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 40/2018LM

**Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C48875)**
*(l-appellanta)*

***vs.***

**Rita Scarfe**
**(K.I. Numru 539147M)**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà rikorrenti, "hawnhekk is-soċjetà appellanta", **Malta Public Transport Services (Operations) Limited** (C 48875) minn lodo arbitrali mogħti fil-11 ta' April, 2018, [minn issa 'l quddiem "il-lodo

arbitrali”] mill-Arbitru l-Avukat Dott. Joseph Buttigieg [minn issa ’l quddiem “l-Arbitru”] fiċ-Ċentru Malti għall-Arbitraġġ [minn issa ’l quddiem “iċ-Ċentru”, li permezz tiegħu ddeċieda billi laqa’ *in parte* l-ewwel talba tas-soċjetà rikorrenti u ġie dikjarat illi għall-inċident li seħħ fi Triq il-Palma, Ħal Tarxien, fl-14 ta’ Ottubru, 2016 bejn il-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni BUS 093 u l-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni DBO 146 [minn issa ’l quddiem “l-inċident”], għandhom jaħtu ż-żewġ xufiera tal-vetturi imsemmija kwantu għal 50% kull wieħed, u laqa’ *in parte* t-tieni talba tas-soċjetà rikorrenti u ġie likwidat l-ammont tad-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti b’riżultat tal-istess inċident fl-ammont ta’ €950 u kkundanna lill-intimata, hawnhekk “l-appellata” **Rita Scarfe** (K.I. Numru 539147) tħallas lis-soċjetà rikorrenti nofs l-ammont hekk likwidat ċioé €475, bl-imgħaxijiet mit-3 ta’ Marzu, 2017.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku li seħħ fi Triq il-Palma, Ħal Tarxien, fl-14 ta’ Ottubru, 2017, bejn il-vettura bin-numru ta’ reġistrazzjoni BUS 093 misjuqa minn Adam Weffin u proprjetà tas-soċjetà rikorrenti, u l-vettura tal-għamla Seat Ibiza bin-numru ta’ reġistrazzjoni DBO 146 misjuqa mill-intimata u proprjetà tagħha.

**<u>Mertu</u>**

3. Is-soċjetà appellanta istitwiet Arbitraġġ fiċ-Ċentru permezz ta’ Avviż u Talba ppreżentati fit-2 ta’ Marzu, 2017, fejn talabet: (a) li l-intimata tiġi

dikjarata unikament responsabbli għad-danni riżultanti mill-inċident; (b) il-likwidazzjoni tad-danni fl-ammont ta' €1,476.40; u (ċ) il-kundanna tal-intimata għall-ħlas ta' dawk id-danni hekk likwidati, oltre l-ispejjeż u l-imgħaxijiet mid-data tal-inċident sad-data tal-pagament effettiv.

4. L-intimata wieġbet permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub ippreżentata fit-13 ta' Marzu, 2017, fejn issottomettiet illi (i) l-inċident ma ġarax tort tagħha, iżda ġara tort ta' Adam Wiffen li kien qed isuq il-vettura BUS 093; (ii) l-ammont pretiż mis-soċjetà rikorrenti in linea ta' danni huwa għal kollox eżagerat; (iii) għalhekk l-ebda ammont mhuwa dovut lir-rikorrenti in linea ta' danni, li fi kwalunkwe każ huma eżaġerati, u għalhekk it-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

**<u>Il-lodo arbitrali</u>**

5. Fit-11 ta' April, 2018, l-Arbitru laqa' *in parte* it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, bl-ispejjeż jitħallsu kwantu għal 50% minn kull wieħed mill-kontendenti, wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Illi l-inċident awtomobilistiku in mertu seħħ fi Triq il-Palma, Ħal Tarxien, fl-14 t'Ottubru, 2016 bejn vettura BUS-093 propjetà tar-rikorrenti u misjuqa mix-xhud Adam Wiffen u vettura DBO-146 misjuqa minn Rita Scarfe.*
>
> *Illi fil-post fejn seħħ l-inċident hemm* junction *li tinkorpora numru ta' triqat fi spazju relattivament ta' ftit metri ara Dok JG1. Il-BUS-093 ġie minn Triq il-Knisja u kellu* stop sign *qabel ma jidħol fi Triq il-Palma. Il-vettura misjuqa mill-intimata niżlet minn Birżebbuġa Road u daħlet fi Triq il-Palma. Il-Bus ħareġ mill-i*stop sign *daħal fi Triq il-Palma saq għal madwar 30/35 meters u gie biex idur fi Triq il-Kbira, fid-direzzjoni tal-Knisja ta' Ħal Tarxien, kien f'dan il-punt li seħħ l-impatt billi meta l-bus kien qed*

*jikser fuq ix-xellug tiegħu bil-parti tal-lemin ta' wara laqat il-vettura DBO-146 u ikkawżalha ħsara fuq il-ġenb tal-lemin.*

*3. Ir-rikorrent issostni illi bl-istess impatt il-Bus sofra ħsara ammontanti għal Euro1476.40 - l-ammont mitlub bħala danni f'dan l-arbitraġġ.*

*4. Illi fil-jum tal-inċident fil-post fejn seħħ kien hemm Hitchi equipment fuq in-naħa tax-xellug tat-triq il-Palma mnejn riedet tgħaddi l-intimata Scarfe (ara ritratti markati (v1g) (IIIa u VI) fid-dokument JG4 u d-dokument AW).*

*5. Ikkonsidra:*

*Illi l-verżjonijiet taż-żewġ* drivers *ma jaqblux dwar il-kawża prossima li minħabba fiha seħħ l-impatt. Is-sewwieq tal-Bus Adam Wiffen xehed illi hu nduna bl-inċident meta sema l-ħorn tal-vettura l-oħra. Illi fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2017 hu xehed hekk:*

*"Fl-inċident kont insuq Bus-093, rotta 81 - Marsaxlokk - Valletta. Qabel ma dort kompletament għal Triq il-Kbira, li tiġi faċċata tal-bieb tan-nofs tal-Knisja u kont dħalt biċċa fiha, smajt ħorn u waqaft biex nara għaliex kien qed idoqq. Indunajt illi l-vettura li magħha kelli inċident kienet daħlet fil-kantuniera tax-xellug ta' wara tal-Bus. Jiena ma ħassejtx daqqa, però qabel kont rajt il-vettura li ħabtet miegħi nieżla mill-*one way *li tinżel minn Ħal Tarxien fid-direzzjoni tal-Barrani. Din it-triq kienet tiġi fuq il-lemin tiegħi appena bdejt ndur għal Triq il-Kbira...*

*Meta rajt il-vettura nieżla minn Ħal-Tarxien kienet madwar 50 pied 'il fuq. Jien kont miexi, komplejt indur għal go Triq il-Kbira. Meta jiena ħriġt minn Church Street hemm* stop sign*. F'ebda ħin ma rajt il-vettura l-ħamra tirriversja."*

*Illi l-intimata tat verżjoni għal kollox differenti dwar kif seħħ l-inċident u tattribwixxi r-responsabiltà għall-istess lid-*driver *tal-Bus. Fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2018, hi xehdet hekk:*

*"Nesibixxi ritratt - Dok RS1, li juri l-area fejn ġara l-inċident. Appena dħalt fi Triq il-Palma kelli* Hitachi machinery *kbir fuq ix-xellug tiegħi. Appena wasalt hemmhekk ħareġ charabanc minn Church Street u jiena ippruvajt nurih li kellu jżomm u jtini ċans nersaq lura. Hu baqa' gej u seħħ l-impatt. Ħadli l-ġenb kollu. Laqatni bil-parti ta' wara tac-charabanc...*

*Fil-hin tal-impatt kont close tal-*Hitachi*, jiena bdejt nirriversja biex ikun jista' jgħaddi Innotajt il-bus meta kont eżatt parallel mal-*Hitachi*, mnejn ħareġ il-*bus *kellu* stop sign*. Il-*bus *ħareġ bil-mod imma xorta ħareġ. Ma niftakarx jekk daqqejtlux il-ħorn.*

*Meta irriversajt lura tlajt fid-dritt il fuq billi ma kellix traffiku waraja. Meta waqaft immagnajt li kelli spazju bizzejjed biex bjgħaddi, izda xorta seħħ l-impatt."*

*B'hekk kull wiehed miż-żewġ sewwieqa effettivament jattribwixxi r-responsabiltà għall-inċident lin-negliġenza fis-sewqan tad-*driver *l-ieħor.*

*6. Ikkonsidra illi meta jiġu kunsidrati l-fatti kollha rilevanti u b'mod speċjali: (i) ir-ritratti tal-vetturi wara li waqaf l-inċident; (ii) ir-ritratti tal-area partikolari fil-mument illi seħħ l-istess inċident; (iii) d-dikjarazzjonijiet li d-*drivers *għamlu lil* warden *u (iv) ix-xhieda mogħtija miż-żewġ sewwieqa fl-atti ta' dan l-arbitraġġ, l-Arbitru hu tal-fehma illi r-responsabiltà għall-inċident in mertu għandha tiġi attribwita liż-żewġ sewwieqa fi grad ta' 50% kull wieħed. Dan peress illi kull wieħed mid-*drivers *naqas milli jżomm* proper lookout *fil-mument immedjatament preċedenti għall-inċident. L-intimata kellha ostakolu fuq in-naħa tax-xellug tagħha tat-triq, u għalhekk ma kellhiex tidħol f'dik il-parti tat-triq qabel ma taċċerta ruħha li ma kienitx ser toħloq ostakolu lil min kien insuq fid-direzzjoni kuntrarja. Id-*driver *Adam Wiffen kien fid-dover illi meta jiġi biex jikser fuq ix-xellug lejn Triq il-Kbira jħares fil-mera biex jaċċerta ruħu illi waqt il-manuvra ma jinvestix vetturi oħra li kellu fuq il-lemin tiegħu.*

*7. Għaldaqstant ir-responsabiltà għall-inċident in mertu qed tiġi akkollata kwantu għal 50% li kull wieħed mis-sewwieqa.*

*Likwidazzjoni Danni*

*8. Ir-rikorrenti qed titlob danni ta' Euro 1,476.40 maqsumi hekk:*

*Euro 491.35 -* paint, labour and spray
*Euro 235.00 -* new parts
*Euro 825.00 -* loss of use

*Total Euro 1551.35*

*Ara fir-rigward id-deposizzjoni ta' Rita Azzopardi.*

*9. L-Arbitru*

*Ra d-dokument JG2.*

*Ra r-ritratti meħuda mill-*warden *fil-post tal-inċident rigward il-ħsara sofferta mill-BUS-093 b'rizultat tal-istess inċident.*

*Ra l-eċċezzjoni tal-intimata rigward il-*quantum *ta' Danni.*

*Ikkonsidra:*

*Illi mir-ritratt Vf u Vlg li jifformaw parti mid-dokument JG4 jirriżulta illi l-ħsara fil-*Bus *kienet relattivament żgħira. Ma nġabitx prova illi l-ħsara kollha li tidher fir-ritratt Vlg oriġinat mill-inċident in mertu, u anqas ma tressqet prova sodisfaċenti dwar l-i*spare parts *li qed jiġu reklamati mir-rikorrenti.*

*Illi l-unika prova li tressqet fir-rigward kien id-dokument JG2 li minn ma tirriżultax ħtieġa ta'* spare parts*.*

*10. Konsegwent l-arbitru qiegħed* 'arbitrio boni viri' *jillikwida l-ammont neċessarju biex isewwiet il-ħsara fil-*Bus de quo *oriġinanti mill-inċident in mertu fis-somma ta' Euro 400 għall-*parts *u* spray *u Euro 550.00 għal* loss of use *b'total ta' Euro 950.*

*Konklużjoni*

*11. Għal dawn il-motivi l-Arbitru:*

*(i) Jilqa' in parti l-ewwel domanda u jiddikjara illi r-responsabiltà għall-inċident in mertu għandha tinġarr miż-żewġ sewwieqa involuti fl-inċident kwantu għal 50% kull wieħed;*

*(ii) Jilqa' in parti t-tieni talba u jillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti b'riżultat tal-istess inċident fl-ammont ta' Euro 950.*

*(iii) Jikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti 50% tal-ammont likwidat - ċioè Euro 475 bl-interessi mit-3 ta' Marzu 2017 id-data tal-preżentata tal-Arbitraġġ.*

*L-ispejjeż kollha ta' dan l-Arbitraġġ kif ukoll dawk tal-ittra uffiċjali preżentata kontemporanjament ma' dan l-Arbitraġġ kontra s-soċjetà GasanMamo Insurance jitħallsu kwantu għal 50% minn kull wieżed mill-kontendenti."*

## Ir-Rikors tal-Appell

6. L-appellanta ħasset ruħha aggravata bil-lodo arbitrali u interponiet appell quddiem din il-Qorti fl-24 ta' April, 2018, fejn filwaqt li talbet li din il-Qorti tilqa' dan l-appell, talbet li jiġi riformat il-lodo arbitrali, billi minflok il-liwidazzjoni li saret mill-Arbitru, tilliwida d-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti

b'riżultat tal-inċident inkwistjoni fl-ammont ta' €1,476.40, u tikkundanna lill-intimata tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' €738.20 li jirrappreżenta sehemha skont kif deċiż fil-kap tar-responsabilità u bl-imgħaxijiet kif indikat fil-lodo imsemmi.

## Ir-Risposta tal-Appell

7. L-appellanta wieġbet fis-17 ta' Settembru, 2018, permezz tal-preżentata ta' risposta fejn qed jitlob il-konferma tal-lodo arbitrali stante li dan huwa wieħed ekwu u ġust u l-aggravju mressaq mill-appellant mhux ġustifikat.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Il-Qorti issa ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravju tas-soċjetà appellanta, u dan flimkien mas-sottomissjonijiet imfissra mill-appellata fir-risposta tagħha u fid-dawl tal-lodo arbitrali.

9. Fir-rikors tal-appell tagħha, is-soċjetà appellanta tirrileva li l-Arbitru naqas illi jikkonsidra li, wara l-eċċezzjoni li ressqet l-appellata *rigward* il-*quantum* tad-danni, din kienet għamlet dikjarazzjoni in atti fil-15 ta' Novembru, 2017, fis-sens li l-*quantum* tad-danni mhuwiex ikkontestat. Is-soċjetà appellanta tissottometti li teżisti ġurisprudenza antika u kostanti li l-verbal jorbot lill-kontendenti fil-kawża bis-saħħa tal-kważi kuntratt ġudizzjali.[1]

---

[1] **Geranzio Bartolo et *vs.* Angelo Caruana**, P.A., 11.12.1992; **Cini *vs.* Portelli**, App., 02.11.1925; **Ebejer *vs.* Degabriele**, 09.11.1936; **Debono *vs.* Debono**, App., 13.03.1953.

Ladarba jiġi aċċertat li l-avukat tal-attur kien qiegħed jaġixxi entro l-limiti tal-mandat tiegħu, dan seta' jirrinunzja f'isem il-klijent tiegħu għall-azzjoni jew għal dawk it-talbiet li huwa deherlu li ma kienx aktar neċessarju li jissokta jikkontroverti dwarhom. Il-verbal miżmum mir-Reġistratur juri l-volontà preċiża tar-rinunzjant.[2] Is-soċjetà appellanta ssostni li d-dikjarazzjoni li l-*quantum* tad-danni mhuwiex qiegħed jiġi kkontestat hija ċara. Evidentement din id-dikjarazzjoni tal-avukat tal-appellat tirreferi għall-*quantum* tad-danni kif pretiż mis-soċjetà appellanta fit-Talba bil-Miktub tagħha, kif konfermat bid-depożizzjoni ġuramentata tar-rappreżentant tas-soċjetà appellanta. Is-soċjetà appellanta tissottometti wkoll li l-atti tal-Qorti għandhom dejjem jittieħdu li saru sewwa, u huwa biss f'każ ta' ambigwità f'dak li jkun hemm reġistrat fil-verbal, li l-Qorti tista' tisma' sottomissjonijiet orali dwar x'ried jiġi mfisser fil-verbal reġistrat.[3] F'dan il-każ, il-verbal huwa ċara u ma jħalli ebda dubju dwar il-kontenut tiegħu, dikjarazzjoni skjetta tal-appellata u l-verbal jirrifletti l-volontà tal-appellata. Skont is-soċjetà appellanta, l-Arbitru kellu jistrieħ fuq din id-dikjarazzjoni tal-appellata u ma kellux jagħmel indaġini *di sua sponte* dwar il-*quantum* tad-danni. Is-soċjetà appellanta tgħid li jekk l-Arbitru jagħmel mod ieħor, ikun qed joħloq preġudizzju għas-soċjetà appellanta, li straħet fuq l-imsemmija dikjarazzjoni tal-appellata, u ma ressqitx provi ulterjuri in sostenn tal-*quantum* tad-danni pretiż minnha. L-appellanta tgħid li għalhekk l-Arbitru ma kellux raġuni għalfejn ma jagħtix effett sħiħ għad-dikjarazzjoni tal-appellata li m'hemmx kontestazzjoni dwar id-danni u ma kellux jgħaddi biex jeżamina l-provi dwar id-danni u jakkorda ammont ta' danni *arbitrio boni viri* u jirriduċi l-*quantum* tad-danni pretiż u ppruvat mis-soċjetà appellanta.

---

[2] **Carmelo Farrugia *vs.* Grezzju Farrugia et**, Q.A., 16.03.2005.
[3] **Pulizija *vs.* Borg**, Q.A.(Krim), 18.01.1941.

10. L-appellata min-naħa tagħha tgħid li l-lodo arbitrali huwa wieħed ġust u jimmerita konferma. Filwaqt li dwar il-kwistjoni tar-responsabilità m'hemmx kontestazzjoni, l-uniku aggravju huwa dwar il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti fuq il-vettura BUS 093. L-appellata tgħid li huwa minnu dak li qed issostni s-soċjetà appellanta illi l-verbal li sar fil-mori tal-arbitraġġ jorbot lill-partijiet bis-saħħa tal-kważi kuntratt ġudizzjali, iżda l-Arbitru mhuwiex marbut b'din id-dikjarazzjoni li saret mill-avukat difensur tagħha jekk jirriżulta illi t-talba tas-soċjetà appellanta kienet qed titlob ferm aktar minn dak li kien dovut lilha. L-appellata tgħid li l-Arbitru kellu kull dritt ivarja dak li ftiehmu dwaru l-partijiet, ċioé li ma kienx hemm kontestazzjoni dwar id-danni, jekk irriżultalu li ma nġabet ebda prova sodisfaċenti mill-kumpannija appellanta li l-ħsara kollha fil-vettura BUS 093 oriġinat mill-inċident mertu ta' dan l-arbitraġġ.

11. Il-Qorti tqis li waqt is-seduta quddiem l-Arbitru tal-15 ta' Novembru, 2017, il-partijiet iddikjaraw li l-*quantum* tad-danni mhuwiex ikkontestat. Minkejja dan fil-lodo arbitrali ma jsir l-ebda riferiment għal dan il-verbal, imma l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu jirreferi għall-eċċezzjoni tal-appellat rigward il-*quantum* tad-danni fejn ingħad li l-ammont pretiż mir-rikorrent in linea ta' danni huwa għal kollox esaġerat. Il-Qorti hija tal-fehma li b'dak li ġie verbalizzat mill-kontendenti waqt l-udjenza tal-15 ta' Novembru, 2017, l-intimata, hawnhekk appellata, in effetti irrinunzjat għall-imsemmija eċċezzjoni tagħha fejn stqarret li d-danni pretiżi kienu esaġerati, anki jekk fir-risposta tal-appell tagħha tgħid illi "dan l-arbitraġġ qed isir fuq kontestazzjoni fl-ammont ta' €263.20."

Il-Qorti tqis li l-Arbitru kien skorett meta daħal fil-mertu tal-eċċezzjoni tal-intimata dwar il-*quantum* tad-danni u tqis li dan kellu jibbaża d-deċiżjoni tiegħu dwar il-*quantum* tad-danni fuq dak li ġie verbalizzat waqt is-seduta quddiemu tal-15 ta' Novembru, 2017. Il-fatt li l-Arbitru fid-deċiżjoni tiegħu injora għalkollox l-imsemmi verbal, kien ta' preġudizzju għas-soċjetà appellanta, li straħet fuq l-imsemmija dikjarazzjoni tal-appellata, u ma ressqitx provi ulterjuri in sostenn tal-*quantum* tad-danni pretiż minnha. Verbal miżmum mir-Reġistratur bl-ordni tal-Qorti jorbot lill-kontendenti bis-saħħa tal-kważi-kuntratt ġudizzjali[4], għaliex *"il quasi contratto giudiziale non ha altro scopo se non quello di fissare il tema ed i limiti della controversia"*.[5] Dan fuq il-bażi tal-massima *"in judiciis quasi contrahitur".*[6]

12. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-aggravju tas-soċjetà appellant ġustifikat u għalhekk sejra tilqgħu.

## Decide

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tas-soċjetà appellanta u tirriforma l-lodo arbitrali, billi minflok il-liwidazzjoni li saret mill-Arbitru, tilliwida d-danni sofferti mis-soċjetà appellanta b'riżultat tal-inċident inkwistjoni fl-ammont ta' €1,476.40, u tikkundanna lill-appellata tħallas lis-soċjetà appellanta l-ammont ta' €738.20 li jirrappreżenta sehemha**

[4] Kollez. Vol. XXIX P I p 768; Vol. XXXVII P I p 99.
[5] Kollez. Vol. XXVI P I p 225.
[6] **Carmelo Farrugia *vs.* Grezzju Farrugia et**, Q.A., 16.03.2005.

**skont kif deċiż fil-kap tar-responsabilità u bl-imgħax kif indikat fil-lodo arbitrali imsemmi.**

**Spejjeż tal-ewwel istanza kif deċiżi mill-Arbitru, u spejjeż ta' din l-istanza a karigu tal-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**